**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, tletin (30) ta' April 2024

Kawża Nru 88/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

Vs

**Elizabeth Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Elizabeth Saliba**, detentriċi tal-karta tal-identita numru 44948(G) talli nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru 2023 għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta' filgħodu (11.15hrs) u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel ġewwa Taċ-Ċawla, Victoria, Għawdex:

(1) ġabet ruħha b'mod li tat fastidju lil John Zammit;[1]

(2) b'mod li kienet taf jew messha kienet taf kienet ta' fastidju lill-vittma;[2]

(3) għamlet lil John Zammit inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kienet ipprovokata inġurjatu b'mod li ħarġet barra mil-limit tal-provokazzjoni.[3]

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Rat li fis-seduta tat-tletin (30) ta' April 2024 l-akkużata mingħajr l-ebda ammissjoni ta' ħtija obbligat ruħha li bl-ebda mod u manjiera ma iddejjaq lil John Zammit u lill-membri tal-familja tiegħu;

Rat li l-parte civile li kien debitament assistit iddikjara fl-istess seduta li huwa kien sodisfatt b'din id-dikjarazzjoni u li kien qed jirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli;

Ikkunsidrat;

[1] Artikolu 251A(1)(a) tal-Kap. 9.
[2] Artikolu 251A(1)(b) tal-Kap. 9.
[3] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

Il-fatti tal-każ kienu s-segwenti: fit-tmienja (8) ta' Novembru 2023 il-Pulizija rċivew kwerela mingħand Dr Chris Said għan-nom ta' John u Giorgia Zammit fejn dawn talbu li jittieħdu proċeduri legali kontra Joseph u Elizabeth Saliba. Il-Pulizija kellmet lill-kwerelanti fejn dawn stqarrew li nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru 2023 għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta' filgħodu (11:15hrs) huma kienu qegħdin itellgħu l-affarijiet bil-winch meta dawn indunaw li Elizabeth Saliba bdiet teħdilhom video u anke qalet kliem oxxen fil-konfront tagħhom. Il-kwerelanti komplew jistqarru mal-Pulizija li Elizabeth Saliba flimkien ma' żewġha Joseph Saliba kienu ilhom imqabbdin magħhom sa minn Settembru 2022. Semmew wkoll li kien seħħ inċident ieħor fit-tlieta (3) ta' Ottubru 2022 fejn Joseph Saliba għajjar lil Georgina Zammit bi kliem oxxen. Il-Pulizija għamlu kuntatt mal-kwerelati biex jirrapurtaw l-Għassa tal-Pulizija biex jagħtu l-verżjoni tagħhom. Il-konjuġi Joseph u Elizabeth Saliba marru l-Għassa fejn ingħataw id-drittijiet legali tagħhom. Huma għażlu li jikkonsultaw mal-Avukat tal-fiduċja tagħhom Dr Joshua Grech u ipprevalixxew ruħhom mid-dritt li ma jwieġbu għall-ebda mistoqsija li saritilhom. Elizabeth Saliba ġiet infurmata li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi fil-konfront tagħha.

Ikkunsidrat;

Għar-rigward l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuża l-Qorti tinnota li l-unika prova li inġabet f'dawn il-proċeduri kien biss l-affidavit ta' PS 1462

Joseph Attard u okkorrenza. Fl-affidavit hemm biss rappurtat dak li l-parte civile John Zammit flimkien ma' martu qalu lill-Pulizija. Dan jammonta biss għal *detto del detto* u għalhekk mhux ammissibbli bħala prova. Il-parte civile ma tax il-verżjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex il-provi neċessarji sabiex tasal biex tippronunzja dikjarazzjoni ta' ħtija fl-akkużata għall-ewwel (1) u t-tieni (2) akkużi. Konsegwentement għalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-akkużata minn dawn l-akkużi.

Għar-rigward it-tielet (3) akkuża din tirrikjedi l-kwerela tal-parte civile. La darba l-istess parte civile fis-seduta tat-tletin (30) ta' April 2024 għażel li jirrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-akkużata, dan wassal sabiex l-azzjoni kriminali tiġi estinta.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) qiegħda tiddikjara l-proċediment **estint** fir-rigward tat-tielet (3) akkuża stante r-rinunzja tal-parte civile għall-azzjoni kriminali;

(b) **mhux qiegħda issib lill-akkużata ħatja** tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkużi li ġew dedotti fil-konfront tagħha u għalhekk qed tilliberaha minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur